**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

**Sentenza Dwar l-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

**Talba Numru: 385/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 35.**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**

**taghha Vanessa Dalli,**

**Abate Rigord Street,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Kunsill Lokali Gzira skont digriet datat 02 ta' Frar, 2018 li l-kliem "Kunsill Lokali Gzira" ghandha tigi sostitwita bil-kliem "Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Gzira"**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-Kunsill konvenut is-somma ta' elf hames mija u tmenin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,580.95c) bhala danni sofferti minn

Vanessa Dalli assikurata mas-socjeta' attrici u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici bhala indennizz a favur tal-asskurat taghha u dan in segwitu ghal incident li sehh fid-19 ta' Settembru, 2007 fi Triq Edgar Bernard, Gzira waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBO 893 kienet ipparkjata fl-imsemmija triq, sinjal tat-traffiku li kien ippostjat fl-istess triq waqa' ghal fuq l-imsemmija vettura u kkagunalha hsara liema triq taqa' taht ir-responsabilita' tal-konvenut.

Ra l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut li permezz taghha qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ai terminu tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (fol 9) kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri tal-istess kunsill fol 13 li permezz taghha eccepixxa l-preskrizzjoni wkoll izda ai terminu tal-Artikolu 2132 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-provi mresqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Semgha lil avukati tal-partijiet jittrattaw tali eccezzjoni.

Ikkunsidra,

Dwar l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 il-Kunsill konvenut jikkontendi li s-sentejn preskrizzjoni a fini ta' dan l-Artikolu ghaddew stante li l-incident gara fid-19 ta' Settembru, 2007 u l-ittra ufficjali giet intavolata fit-28 ta' Ottubru, 2008 (ebda prova dwar meta gie notifikat il-konvenut b'din l-ittra ufficjali ma ngabet), u li dawn il-proceduri bdew fil-25 ta' Awwissu, 2017 u gew notifikati lil Kunsill konvenut fis-07 ta' Settembru, 2017.

Dwar l-Artikolu 2132 tal-Kap 16 – Il-Kunsill konvenut ghamel referenza ghas-sentenza **Canadian Enterprises Limited vs Emanuel Zammit** deciza fl-mill-Qorti tal-Appell fis-06 ta' Ottubru, 2010.

L-istess Kunsill pprezenta b'nota a fol 15 et vera kopja ta' sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell (Inf) fis-27 ta' Ottubru, 2015 fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Gzira** u kopja tad-decizjoni moghtija mill-Arbitru fl-Arbitragg datat 16 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet: **Elmo Insurance Limited v Kunsill Lokali Gzira.**

Illi s-socjeta' attrici mill-banda l-ohra tikkontendi li l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2132 tal-Kap 16 ma tapplikax ghax il-mertu qatt ma gie deciz u d-decizjoni tal-

Arbitragg dwar l-istess incident kienet dwar il-kompetenza. Ghal dan il-ghan is-socjeta' attrici kkwotat tlett sentenza Appell Inf per RCP **Alfred Saliba vs George Gatt** deciza 21.3.2018; Prim Awla per MCH **Rita Calleja v Mark Micallef** deciza 13.2.2012 u Appell Sup **Av Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti** deciz 29.4.2016.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi s-sentenza moghtija mill-Arbitragg bejn il-partijiet a fol 20 jirrizulta li kienet dwar l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill konvenut dwar l-inkompetenza tieghu *ratione materiae* u din giet moghtija fis-06 ta' April, 2012.

Illi kif jinsab pacifikament akkont li fejn dispositiv a' sentenza jkun sempliciment jikkonsisti f'liberazzjoni 'ab observantia' ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwistjoni tista tigi riproposta 'ex novo' (Kollez Vol XXXVII pl p 149). Dan ghaliex kif anterjorment ghal din is-sentenza gie ritenut "e'positivo che la sentenza liberatoria dell'osservanza del giudizio non sia definitive in merito e nulla osta perche' le stesse domande sieno riproposte" (Vol X pagna 543).

Premess li l-liberazzjoni mill-osservanza ma tiddistingwix direttament l-azzjoni ma jfissirx imbaghad li l-azzjoni ma tistax tigi indirttament pregudikata u estinta bil-preskrizzjoni taghha jekk din tigi kompjuta fiz-zmien tal-kors u tal-kompiment tal-perenzjoni tal-istanza (Kollez Vol XXXVII p III p 834). Huwa proprju dan il-qofol tal-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-konvenut dwar il-portata tal-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili.

Issa s-subinciz (1) tal-Artikolu 2132 jipprovdi li "l-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhalli kieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba jew jekk il-kawza tigi dezerta jew jekk it-talba tigi michuda. "

Biex il-qaghda tigi salvata u l-procediment l-iehor ikun jiswa biex tigi nterrotta l-preskrizzjoni jinhtieg skont it-termini tat-tieni subinciz tal-precitat artikolu fil-kaz ta' rinunzja jew tac-cahda tat-talba gudizzjarja, li l-attur jerga jgib il quddiem it-talba tieghu quddiem l-istess Qorti jew f'Qorti ohra fi zmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew tac-cahda u l-konvenut jigi notifikat bil-mod u fiz-zmien preskritti fl-Artikoli 2130 u 2131 tal-Kodici Civili. Korrettement intiza din id-disposizzjoni skont l-ispjega fornita

mill-imhallef G. Cremona fil-kawza fl-ismijiet "**Giovanna Scerri pro et noe vs Filippo Zammit et** Prim Awla Qorti Civili 3.2.1921 (Vol XXIV PII p470), "l'interruzione della prescrizione fatta per mezzo di una domanda giudiziaria si ritiene come non avvenuta se la domanda viene rigettata anche per liberazione del convenuto dall'osservanza del giudizio purche l'attore non riproponga l'azione entro un mese."

Dan it-Tribunal itendi favur dan l-insenjament u ssib fil-fattispeci li l-liberazzjoni tal-Kunsill konvenut minhabba n-nuqqas tal-kompetenza tal-Arbitragg tikkwalifika ukoll bhala "un rigetto della domanda attrici che lasciava di legge in facolta' all'attore di riprodurre la domanda" (Vol XXIV pII p472). Dan ghaliex jikkostitwixxi provvediment ta' natura decizorja li ghandu bhala oggett pronuzjament merament processwali u procedurali.

Ir-ratio imbaghad tas-subinciz (2) tal-Artikolu 2132 hu dak li anke fil-kaz ta' cahda tat-talba u tal-konsegwenti liberazzjoni jigi mpedut id-dekorriment tal-preskrizzjoni fiz-zmien ghar-realizzar tad-dritt bil-mod gurisdizzjonali basta s'intendi li jigi osservat ghal konservazzjoni tal-interruzzjoni r-riproponiment tal-azzjoni fz-zmien statwit ta' xahar. Perjodu li f'dan il-kaz is-socjeta' attrici ma approfittatx ruhha minnu u ghalhekk f'dan il-kuntest u f'dan biss jista jinghad li ppregudikat il-posizzjoni taghha in vista ta' dak dettat bhala principju regolatur tas-Subinciz (1) tal-istess Artikolu 2132.

Mill-atti jirrizulta li s-sentenza moghtija mill-Arbitragg bejn il-partijiet a fol 20 giet moghtija fis-06 ta' April, 2012 u dawn il-proceduri bdew fil-25 ta' Awwissu, 2017.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ulterjuri ai termini tal-Artikolu 2132 qed tigi milqugha.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**